**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 09/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | | |
| **Data** | 10/06/2010 fis-6.30pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Preżenti |
| | | Darmanin Richard | Preżenti mis-7.20pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | | Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis-7.20pm |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Assenti minħabba safar |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**09. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Proponent: Sekondant: | **Il-Minuti 08/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 08.2.22 | Jiżdiedu l-kliem 'u Triq Sant'Antnin'. | | |
| 09. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**09. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | 08.2.1 | Fenech: Siġra fejn jarma l-Monti | Fenech reġgħet fakkret dwar siġra li qed ittella' t-tarmak fejn jarma s-Suq faċċata tal-ħanut Flashpoint. | Hales |
| 09. 2. 1 | 08.2.8 | Viċi-Sindku: Cleansing Services Department | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ir-replacement li kellhom jibgħatu l-CSD waslux. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Sindku Hales |
| 09. 2. 2 | 08.2.9 | Viċi-Sindku: 'Kampanja Żejtun Nadif' Studenti Primarja B | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa ma' l-istudenti ta' Primarja B u t-tqassim ta' biros ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju fil-11am. | Sindku Viċi-Sindku Camilleri |
| 09. 2. 3 | 08.2.10 | Viċi-Sindku: Laqgħa 'Nature Trust' | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser issir il-laqgħa mar-rappreżentanti ta' l-MTA. Is-Sindku qal li ser issir laqgħa fl-1 ta' Lulju fid-9.30am. Is-Sindku spjega li l-launching tal-proġett ta' lokalitajiet sostenibbli f'San Niklaw Estates irnexxa. Ser tingħata spinta lit-tradizzjonijiet antiki liż-Żejtun. Qed isiru taħdidiet mal-Prof. Pirotta sabiex isir survey dwar il-ħaddiema Żwieten li kienu jaħdmu ġewwa t-Tarzna x'sar minnhom u f'iema settur qed jaħdmu. Seychell talab sponsor ta' 20 flixkun inbid mill-produtturi ta' l-inbid San Niklaw Estates għall-kompetizzjoni ta' l-inbid. | Sindku Viċi-Sindku |
| | 08.2.13 | Fenech: Play mill-Istudenti Skola Primarja B | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-play li ttellgħet mill-istudenti ta' l-iskola primarja B intweriet ukoll fuq l-istazzjon televiżiv Education 22. | |

G. JA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 08.2.14 | Fenech: Bejjiegħa tal-Monti | Fenech staqsiet dwar il-bejjiegħa tal-monti li qed jarmaw mingħajr permess fis-Suq ta' nhar ta' Erbgħa. Dan wara tgergir mill-istess bejjiegħa sħabhom. Is-Sindku spjega li l-bieraħ saret spezzjoni għal għarrieda mill-warden flimkien mal-Kunsillier Darmanin. Irriżulta li hemm 4 postijiet vojta filwaqt li wieħed mill-bejjiegħa instab qed jarma bla permess f'posta li suppost kienet vakanti. Ser issir laqgħa fis-16 ta' Ġunju għall-ewwel 4 bejjiegħa li jinsabu fuq il-waiting list sabiex jiġu allokati l-posti vakanti. Dwar it-tkabbir tas-Suq f'Misraħ Indipendenza, is-Sindku spejga li l-MEPA għadha kemm ħarġet il-permessi u għaldaqstant qed nistennew lis-surveyors jiġu fuq il-post biex jagħtu l-livelli. Hemm problema biex nieħdu fondi mill-MEPA għall-Urban Improvement Fund u ser isir tentattiv sabiex nieħdu fondi mill-MEPA għat-tkabbir tas-Suq. Ser isir ukoll kuntatt mas-Sur Baldacchino ta' La Fayette Court sabiex jgħin f'dan it-tkabbir. Min-naħa tiegħu il-Kunsill issuġerixxa sabiex fir-riforma tal-prezzijiet tal-permessi il-bejjiegħa tal-monti jħallsu direttament lill-Kunsill sabiex nkopru l-ispejjeż. | Darmanin |
| 09. 2. 4 | 08.2.15 | Viċi-Sindku: ETC Community Worker | il-Viċi-Sindku faħħret ix-xogħol li qed isir mill-etc community worker li minkejja li min-naħa tiegħu kellu ċertu biża, jidher li qiegħed għal qalbu u integra mill-ewwel mal-ħaddiema manwali. | Sindku |
| 09. 2. 5 | 08.2.18 | Viċi-Sindku: Ġnien iż-Żgħożija | Il-Viċi-Sindku semmiet ir-railings li saru fi Ġnien iż-Żgħożija li ġew tajbin ħafna filwaqt li talbet sabiex isir xi tip ta' l-ilqugħ għal blalen. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol ser isir aktar tard. Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar ċint imwaqqa' ħdejn is-substation filwaqt li hemm bżonn ta' twaħħil ta' dustbins. | Sindku |
| 09. 2. 6 | 08.2.20 | Viċi-Sindku: Ittra lil Janesia Spiteri | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk intbagħtitix l-ittra ta' awguri lil Janesia Spiteri. L-ittra tinsab fil-proċess. | Segretarjat |
| 09. 2. 7 | 08.2.21 | Viċi-Sindku: Green Bags | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-green bags waslu u tqassmu f'kull residenza. | Viċi-Sindku |
| 09. 2. 8 | 08.2.24 | Viċi-Sindku: Żjara lill-Anzjani | Il-Viċi-Sindku irrapurtat iż-żjara li saret lill-anzjani f'San Vinċenz fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Miż-Żejtun hemm 68 anzjan. | Viċi-Sindku |
| 09. 2. 9 | 08.3.5 | Camilleri: TCTC Computer Courses | Camilleri informa lill-Kunsill li din is-sena mhux ser titħallas somma inizjali bħas-sini ta' qabel. Il-korsijiet ta' ser ikunu għall-prezz ta' €10 peress li t-TCTC sab sposnsor. Camilleri ippropona sabiex fix-xitwa li ġejja isiru korsijiet ta' dan it-tip għall-adulti u nippruvaw insibu sponsor forsi mill-Banek. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | Camilleri |
| | 08.9.4 | Pace: Linji sofor quddiem garaxx fi Triq Xatbet l-Andar | Pace reġa' fakkar lill-Kunsill dwar linji sofor fi Triq Xatbet l-Andar quddiem garaxx li qed ikun ostakolat. | |
| 09. 2. 10 | 08.9.7 | Seychell: Sinjal ta' zebra crossing | Seychell fakkar fis-sinjal nieqes ta' zebra crossing fi Triq San Girgor. | Darmanin |
| 09. 2. 11 | 08.9.8 | Fenech: Boroz bis-siringi | Fenech staqsiet dwar il-ġbir tal-boroz bis-siringi. Seychell qal li l-borża li kien hemm Triq Xrobb l-Għaġin tneħħiet u intefgħet borża oħra reċentement. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 12 | 08.9.10 | Viċi-Sindku: Sleeping Policeman fi Triq Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku reġġhet fakkret dwar il-każ ta' sleeping policemen ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena li qed tkun ta' periklu għall-pedestrians peress li s-sewwieqa qed jippruvaw jispakulaw is-sleeping policeman u jagħfsu mal-ħajt. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qabel li s-sleeping policeman għandha titla' aktar 'l fuq. | Darmanin |

**09. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 3. 1 | 01 | MEPA: PA1120/10, PA1047/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dawn is-siti jinsabu fil-village core u għalhekk għandu jinżamm it-texture u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 09. 3. 2 | 19 | Għaqda Mużikali Beland: 50 sena President Onorarju | **Il-Kunsill qabel nem.con li tingħata komemorazzjoni lill-Dr A Cahcia Zammit fl-okkażżjoni ta' għeluq il-50 sena bħala President Onorarju fis-soċjeta' Għaqda Mużikali Beland.** | Viċi-Sindku |

**09. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 09. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 09/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 09. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 09/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 09. 4. 4 | | Petty Cash - Mejju 2010 | **Il-Kunsill approva l-petty cash ta' Mejju 2010 hekk kif preżentatat li kien jammonta għal €173.45** | Segretarjat |

**09. 5. Żjara tal-President**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 5. 1 | | Sindku: Preparazzjoni għaż-żjara tal-President | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li qabel il-laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa ma' l-ngos li kellha attendenza tajba ħafna. | |
| 09. 5. 2 | | | Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għaż-żjara tal-President kemm fit-22 u kif ukoll fis-27 ta' Ġunju. L-istaff klerikali u manwali għandu jkun preżenti fit-22 ta' Ġunju għal-laqgħa tal-President ġewwa l-Kunsill Lokali. Iż-żjara wara tkompli fis-Sala Alexandria għal-laqgħa ma' l-NGOs. | |
| 09. 5. 3 | | | Iż-żjara tal-President fis-27 ta' Ġunju ser tiftaħ b'quddiesa fit-8am wara żjara fil-każini filwaqt li l-mara tal-President iżżur Dar Arċipriet Degabirele u l-workshop ta' Fondazzjoni Dar Nazzarett. Fl-10am il-President iżur il-fiera ta' l-isport f'Ġebel San Martin, jiltaqa' mat-tfal tan-Nursery u issir l-inawgurazzjoni ta' Ġnien iż-Żgħożija bil-kxif ta' lapida komemorattiva u bdil ta' prezentazzjonijiet ta' tifkira. | |

**09. 6. Tender tal-ġbir ta' l-iskart bieb bieb**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill il-ftuħ ta' tender għall-ġbir ta' skart bieb bieb. Iż-żewġ applikanti huma Frans Said u Mario Borg. Il-prezzijiet huma viċin ħafna ta' xulxin. Iż-żieda fil-prezzijiet hija ta' Eur3,500 kull xahar fuq il-kuntratt attwali. Ġie innutat li l-ġbir ta' skart bieb bieb għandu jsir b'mod li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kuntrattur u tkun tisa' tiġi offruta rata aktar vantaġġjuża lill-Kunsill li tirrifletti l-piż miġbur bieb bieb kuljum. | |
| 09. 6. 2 | | | Min-naħa tas-Segretarjat sar eżerċizzju fuq il-ġbir ta' skart mill-bins on wheels. Dawn suppost jintużaw minn 2,750 resident. Il-Kunsilliera ġew mgħotija graph li turi d-differenza ta' skart miġbur bieb bieb u dak mill-bins on wheels. Il-problema li qed naffaċċjaw hija li l-bins on wheels jintużaw ukoll mill-ħwienet u min-nies li joqgħodu barra l-lokalita'. Pace irrimarka li sabiex jitnaqqas il-volum ta' skart irridu nirrisolvu l-problema li qed joħolqu l-bins on wheels. | |
| 09. 6. 3 | | | Sar kuntatt ma' l-impjant ta' Sant'Antnin sabiex l-iscammels li jiġbru l-iskart taż-Żejtun jibdew jarmu Sant'Antnin ladarba l-kuntratturi li jiġbru l-iskart mil-lokalitajiet ta' madwar iż-Żejtun jarmu f'dan is-sit. B'hekk ser jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kuntratturi. | |
| 09. 6. 4 | | | Camilleri staqsa dwar l-iskip li kien hemm l-iskola u dawk li kien hemm ħdejn iċ-ċimiterji. Is-Sindku wieġeb li dawn mhumiex ser jiġu replaced peress li saru ħsarat estensivi minn terzi persuni a spejjeż tal-kuntrattur. | |

**09. 7. Xogħol fi Ġnien Brejġu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li x-xogħol fuq Ġnien Brejġu miexi b'ritmu tajjeb. Tlesta l-kisi u għad fadal isir id-dawl u l-passaġġi ta' l-art. **Seychell talab sabiex jerġgħu jitwaħħlu bankijiet f'dan il-Ġnien ladarba reġa' ġej is-Sajf. Il-Kunsill qabel nem.con** | Sindku |

**09. 8. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kinux preżentati mozzjonijiet. | | |

**09. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 9. 1 | | Fenech: One Way Sign | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar one way sign li għandu bżonn jitranġa quddiem iż-Żejtun Corinthians. | Darmanin |
| 09. 9. 2 | | Darmanin: Water Leakage | Darmanin irraporta water leakage fi Triq il-Bettieħ. Is-Sindku spjega li l-KSI ġew għall-permess illum. Għaldaqstant ix-xogħol mistenni jsir fi żmien qasir. | Sindku |
| 09. 9. 3 | | Darmanin: Ħlas ta' Rimi ta' Skart | Darmanin staqsa jekk il-Kunsill għamilx ftehim mal-Greenpak dwar il-ħlas ta' rimi ta' skart fil-barriera vis a vis il-kuntratturi. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ilu jħallas Eur19.09 kull tunellata minn Ottubru 2009 bħala tipping fees. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 9. | 4 | Fenech: Proġett mid-Dipartiment tas-Saħħa | Fenech infurmat il-Kunsill dwar il-korsijiet ta' l-aerobics organizzati mill-Health Promotion għal nies b'body mass index ta' iktar minn 25. | Fenech |
| 09. | 9. | 5 | Fenech: Proġett Pilota għat-tfal | **Il-Kunsill approva nem.con li jsir proġett pilota għal tfal ta' bejn it-8 u l-11 -il sena fi 8 sezzjonijiet f'dawn l-oqsma: fun games & aerobics, hip hop, sailing, bowling, gym, martial arts, swimming, football. Il-prezz huwa ta' Eur30 għal kull kors.** | Fenech |
| 09. | 9. | 6 | Pace: Boroz Suwed nhar ta' Tlieta | Pace ġibed l-attenzjoni li nhar ta' Tlieta, minkejja li jinġabru l-boroz ħodor/griżi biss, xorta waħda qed ikun hawn kwantita' ta' boroz suwed. Il-Viċi-Sindku qalet li dan jista' jkun qed jiġri minħabba li l-boroz il-ħodor kienu spiċċaw. Issa li reġgħu tqassmu, naraw jekk il-boroz suwed jonqsux nhar ta' Tlieta'. | Sindku Viċi-Sindku |
| 09. | 9. | 7 | Camilleri: Kotba | Camilleri iraporta lill-Kunsill li tlestew madwar 200 ktieb mil-librerija nazzjonali sabiex issa jitpoġġew fil-librerija taż-Żejtun. Dawn ilhom sitt xhur u għad fadal numru ta' kotba xi jsiru. Għaldaqstant ser tinkiteb ittra lil Dr Chris Said f'dan ir-rigward. | Camilleri |
| 09. | 9. | 8 | Camilleri: Bozoz ġodda | Camilleri reġa' fakkar dwar żewġ bozoz ġodda, waħda fi Triq Hector Dalli u oħra fi Triq San Klement. Is-Sindku talab sabiex issir reminder lill-Enemalta. Darmanin talab sabiex isir l-istreet lighting ta' Triq ir-Ramla. | Sindku |
| 09. | 9. | 9 | Camilleri: Periklu | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar periklu bejn Ġnien San Girgor u id-Dar ta' l-Anzjani. | |
| 09. | 9. | 10 | Seychell: Seminar Politika Nazzjonali Kutlura | Seychell irraporta is-seminar li attenda dwar il-politika nazzjonali u l-kultura. F'dan is-seminar Seychell qajjem tliet punti li jikkonċernaw liż-Żejtun: il-librerija li għadha ma tiftaħx nhar ta' Sibt, id-data tan-Notte Bianca u s-sit storiku fil-Liceo Carlo Diacono. | Secyehll |
| 09. | 9. | 11 | Seychell: Posta fi Triq id-Duluri | Seychell ġab quddiem il-Kunsill is-sitwazzjoni tar-residenti fi Triq id-Duluri minħabba l-uffiċċju postali. Ħafna nies qed jinġabru f'din it-triq biex jiġbru i-ċekkijiet minn dan l-uffiċċju b'inkonvenjenza għar-residenti. **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Posta u lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali sabiex il-benefiċċji soċjali jibdew jidħlu dirett fil-kontijiet bankarji tan-nies konċernati u dan l-inkonvenjent jinqata darba għal dejjem.** | Segretarjat |
| 09. | 9. | 12 | Viċi-Sindku: Minuti lill-Partiti Politiċi | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk hux qed jintbagħtu l-minuti lill-partiti poltiċi. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Segretarjat |
| 09. | 9. | 13 | Viċi-Sindku: Night Shelter | Il-Viċi-Sindku ġabet quddiem il-Kunsill il-ftuħ tan-night shelter fl-Istitut Gesu' Nazzarenu li se jkun inawgurat mill-Gvern dalwaqt. Il-Viċi-Sindku staqsiet kif il-kunsilliera mhux qed jiġu mistiedna bħala Gvern Lokali f'ċertu okkażjonijiet bħal-lokalitajiet oħra minkejja li jkun qed isir xogħol mill-Kunsill Lokali. **Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lill-Onor Dr Chris Said.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 9. 14 | Viċi-Sindku:Air Conditioner - Uffiċċju Temporanju Sigurta' Soċjali | Il-Viċi-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinxtara air conditioner għall-uffiċċju fejn bħalissa qed jopera l-uffiċċju distrettwali tas-Sigurta' Soċjali. **Il-Kunsill qabel nem.con** | Segretarjat |
| 09. 9. 15 | Viċi-Sindku: Child Day Care Centre | **Il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jitlesta c-Child Day Care Centre: provvista u tqegħid ta' mużajk, provvista u tqegħid ta' madum tal-kmamar tal-banju, provvista u tqegħid ta' imprinted concrete, provvista u tqegħid ta' 6 passanger lift.** | Segretarjat |
| 09. 9. 16 | Viċi-Sindku: Ħajt Perikoluż fi Triq Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku reġgħet talbet sabiex tintbagħat ittra lill-Arċipriet dwar ħajt fil-periklu li jaqa' fi Triq il-Madonna tal-Ħniena. **Il-Kunsill qabel.** | Segretarjat |
| 09. 9. 17 | Viċi-Sindku: Bring in site Ta' Ganza' | Il-Viċi-Sindku reġgħet fakkret lill-Kunsill sabiex isiru xogħol fuq il-bring in site ta' Ganza' ħalli dawn ikunu iktar aċċessibli għall-pubbliku. | Sindku |
| 09. 9. 18 | Viċi-Sindku: Attivita' Jum il-Missier | Il-Viċi-Sindku ħeġġet lill-kunsilliera sabiex jattendu għall-attivita' li ser issir għall-okkażjoni ta' Jum il-Missier fis-17 ta' Ġunju 2010 fejn din id-darba ser issir żjara l-Airmalta u Lufthansa Technik, wine tasting f'San Niklaw Estates u ikla fil-Plaza Hotel Sliema. | Viċi-Sindku |
| 09. 9. 19 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' Leaflets | Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lis-Segretarjat għat-tqassim ta' leaflet ta' informazzjoni għall-attivitajiet tas-Sajf li kien fil-ħin. | Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 7 ta' Lulju, 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv